MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1688/2000/1

**F.E. Sullivan & Co Ltd**

**v.**

**Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-21 ta' Awissu 2000 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta` estera TBS Schiffahrts-und Industrie Service GMBH, u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2000 Dr. Vincent Falzon assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju tas-socjeta` konvenuta in sostituzzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer**

**Il-Qorti:**

**Citazzjoni u eccezzjonijiet**

Is-socjeta` attrici ppremettiet li kellha ftehim mas-socjeta` konvenuta fuq xoghol ta' konsulenza u servizzi ohra fuq il-bastimenti Misurata u Derna fit-Tarzna ta' Malta. Il-ftehim kien jinkludi li s-socjeta` attrici tircievi hlas ta' DM187,165 (circa Lm39,000) jew ammont verjuri, kummissjoni fuq ix-xogholijiet li kellhom isiru fuq il-bastimenti. Ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma fuq imsemmija jew ammont verjuri.

Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet li:-

(a) Is-socjeta` attrici ghandha tressaq prova tal-allegat ftehim bil-kondizzjonijiet u modalitajiet allegatament miftehma;
(b) Is-socjeta` attrici ghandha tipprezenta kont dettaljat bid-dokumenti relattivi tax-xoghol ta' konsulenza u servizzi provduti;
(c) Is-socjeta konvenuta hija kreditrici ta' dik attrici; u
(d) It-tieni talba hija kompriza fl-ewwel talba, u ghalhekk hija zejda b'mod li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex issofri l-ispejjez taghha.

Fil-fatt s-socjeta` konvenuta ressqet ukoll talba rikonvenzjonali in kwantu ppremettiet li hija ghandha tircievi minghand is-socjeta` attrici s-somma ta' DM285,156.07, ghandha taghti lis-socjeta` attrici DM169,256.46, bil-konsegwenza li hija kreditur tas-socjeta` attrici ghad-differenza, cioe` ghas-somma ta' DM115,899.61 prezz tax-xoghol u spares li pprovdiet.

Ghal din il-kontro-talba, is-socjeta` attrici eccepiet li:-

(a) It-talbiet tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghaliex is-socjeta` attrici m'hijiex responsabbli li thallas l-ammont pretiz;
(b) Ix-xoghol li sar gewwa t-Tarzna u li ghalih qed jintalab DM285,156.07 qatt ma gie awtorizzat;
(c) Il-hlas pretiz huwa ezagerat;
(d) L-ammont pretiz ma thallasx lilha mit-Tarzna ta' Malta minhabba agir abbusiv u skorett da parti tas-socjeta` konvenuta, b'rizultat ta' liema s-socjeta` attrici ghamlet telf finanzjarju ta' DM177,412.50.

**Is-sentenza appellata**

B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2002, gie deciz illi:-

(a) Is-socjeta` konvenuta hija debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' DM169,256.46;
(b) Konsegwentement il-Qorti laqghet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta u ikkundannat lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' mija u hmistax-il elf tmin mija disa' u disghin punt wiehed u sittin DM (DM115,899.61) ekwivalenti fi flus Maltin ghal tlieta w ghoxrin elf tmin mija u tnejn u tletin lira w erbgha w disghin centezmi (Lm32,832.94) u dana billi mis-somma mitluba mis-socjeta` konvenuta ta' DM285,156.07 jitnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici ta' DM169,256.46;
(c) Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza; u
(d) Spejjez kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta` attrici u terz ghas-socjeta` konvenuta.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet irrizulta li s-socjeta` konvenuta giet kuntrattata biex tesegwixxi xoghlijiet u tipprovdi '*parts*' ghat-tiswija ta' zewg bastimenti 'Derna' u 'Misurata'. Dawn il-bastimenti kienu propjeta` tas-socjeta` Libyana u kienu jinsabu t-Tarzna ghat-tiswija. Is-socjeta` konvenuta kienet giet avvicinata mis-socjeta` attrici sabiex taghmel dan ix-xoghol. Is-socjeta` attrici kienet tirraprezenta l-propejetarji tal-vapuri. Il-partijiet

jaqblu li kien hemm zewg kuntratti in kwantu jirrigwarda x-xoghol esegwit mis-socjeta` konvenuta anki jekk is-socjeta` attrici taghzel li ssejhilhom zewg fazijiet ta' xoghol. Il-partijiet jaqbu wkoll li l-ewwel kuntratt sar bil-miktub bejn it-Tarzna u s-socjeta` konvenuta u dan wara li s-socjeta` attrici kienet l-ewwel talbet stima lis-socjeta` konvenuta u gie miftiehem li l-istess socjeta` attrici kienet ser tikkowta prezz oghla lit-Tarzna. Hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-partijiet kienu ftehmu li d-differenza fil-prezzijiet bejn l-istima rilaxxjata mis-socjeta` konvenuta u l-prezz kwotat mis-socjeta` attrici lil Malta Drydocka kellu jithallas lis-socjeta` attrici bhala kummissjoni. Din il-kummissjoni kienet tammonta ghal DM169,256.46.

"Mill-provi rrizulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub *ad hoc* in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' din il-kummissjoni izda mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u precizament mid-dokumenti esibiti a fol. 5 u a fol. 12 **jirrizulta li s-socjeta` konvenuta rrikonoxxiet li l-ammont ta' DM169,256.46 kien dovut minnha lis-socjeta` attrici bhala kummissjoni.** Inoltre fil-kontro-talba, fl-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta` konvenuta dejjem accettat li dan l-ammont kien dovut bhala kummissjoni lis-socjeta` attrici u li kien ghadu ma thallasx lis-socjeta` attrici. Il-partijiet qablu wkoll dwar il-fatt li s-socjeta` konvenuta esegwiet ix-xoghlijiet li giet kuntrattata taghmel fuq iz-zewg vapuri li hija thallset mit-Tarzna ghax-xoghlijiet ezegwiti minnha fl-ewwel fazi tax-xoghlijiet.

"**Illi l-partijiet m'humiex qeghdin jaqblu dwar in-natura tar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejniethom in kwantu jirigwarda t-tieni fazi tax-xoghlijiet.** Is-socjeta` attrici taccetta li dawn ix-xoghlijiet gew esegwiti mis-socjeta` konvenuta izda ssostni li dawn ix-xoghlijiet ma gewx sanzjonati mit-Tarzna u li ghal dawn ix-xoghlijiet kienu japplikaw il-kundizzjonijiet ta' l-ewwel kuntratt, u cioe` li s-socjeta` konvenuta kellha thallas mit-Tarzna anki ghax-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta` konvenuta fit-tieni fazi. Is-socjeta` attrici ssostni li hija ma kellha ebda obbigu li thallas lis-socjeta` konvenuta ghal dawn ix-

xoghlijiet u li l-istess socjeta` konvenuta kienet diga` pruvat tithallas minghand it-Tarzna izda wara l t-Tarzna rrifjutat li thallas, minhabba l-fatt li x-xoghlijiet ma gewx sanzjonati minnha, hija kienet issa qed tippretendi l tithallas mis-socjeta` attrici gha dan ixc-xoghol. Is-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra tikkontendi li fit-tieni fazi tax-xoghlijiet hija kkuntrattat direttament mas-socjeta` attrici, liemasocjeta` attrici kellha tkun responsabbli hi ghal pagament lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici kellha imbaghad tinnegozja direttament mat-Tarzna. Gew krejati zewg kuntratti, wiehed ta’ appalt bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta u l-iehor ta’ sub-appalt bejn is-socjeta` attrici u t-Tarzna.

“Illi mid-dokumenti esebiti a fol. 12 sa fol. 32 tal-process jirrizulta li ghat-tieni fazi tax-xoghlijiet il-fatturi gew mibghuta direttament lis-socjeta` attrici. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici effetwat pagament akkont mill-prezz ta’ dawn ix-xoghlijiet. Il-fatt li s-socjeta` attrici hallset dan il-pagament akkont, u fl-ebda stadju ta’ dwn il-proceduri hija ma kkontestatx dana, jindika li hija kienet accettat li thallas direttament ghax-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` konvenuta fit-tieni fazi. Is-socjeta` attrici allegat li ghat-tieni fazi tax-xoghlijiet kienu japplikaw l-istess kundizzjonijiet bhal dawk applikabbli ghax-xoghlijiet tal-ewwel fazi. Wiehed allura jistaqsi, x’inhi r-raguni li s-socjeta` attrici ma talbitx il-kummissjoni fuq il-prezz tax-xoghlijiet tat-tieni fazi meta ntavolat il-proceduri odjerni. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha hija ssostni li dan m’ghamlitux ghaliex kienet tf li s-socjeta` konvenuta ma kienetx ser tithallas mit-Tarzna. Is-socjeta` konvenuta kien ikollha thallas il-kummissjoni indipendentement mill-fatt jekk thallsitx mit-Tarzna, kieku kien hemm ftehim f’dan is-sens. Inoltre s-socjeta` attrici ma ppruvatx li t-Tarzna giet mitluba thallas thallas lis-socjeta` konvenuta tax-xoghlijiet esegwiti fit-tieni fazi, u l-anqas li x-xoghlijiet ma gewx sanzjonati mit-Tarzna. L-ahjar prova ta’ dan kienet tkun ix-xhieda ta’ rapprezentant mit-Tarzna li jikkonferma dak kollu allegat mis-socjeta` attrici, liema prova ma tressqitx mis-socjeta` attrici.

"Illi ghalhekk jirrizulta sodisfacentement pruvat dak sottomess mis-socjeta` konvenuta rigward r-relazzjonijiet kuntratwali bejn il-partijiet dwar ix-xoghlijiet li saru fit-tieni fazi konsegwentement il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha tintlaqa'."

**L-appell**

Fit-30 ta' Lulju 2002 is-socjeta` attrici pprezentat appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn giet milqugha t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta. Bazikament is-socjeta` attrici tillanja li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li l-partijiet gabu quddiemha. Is-socjeta` appellanti tghid testwalment hekk:

"(I) l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha (pagni 6 u 7) qalet illi:

*"Is-socjeta` attrici ssostni li hija ma kellha ebda obbligu li thallas lis-socjeta` konvenuta ghal dawn nix-xogholijiet (tieni fazi) u li l-istess socjeta` konvenuta kienet diga` pruvat tithallas minghand it-Tarzna izda wara li t-Tarzna rrifjutat li thallas, minhabba l-fatt li x-xogholijiet ma gewx sanzjonati minnha, hija (socjeta` konvenuta) kienet issa qed tippretendi li tithallas mis-socjeta` attrici ghal dan ix-xoghol. Is-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra tikkontendi li fit-tieni fazi tax-xoghlijiet hija kkuntrattat direttament mas-socjeta` attrici, liema socjeta` attrici kellha tkun responsabbli li ghal pagament lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici kellha imbaghad tinnegozja direttament mat-Tarzna. <u>Gew krejati zewg kuntratti, wiehed ta' appalt bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta u l-iehor ta' sub-appalt bejn is-socjeta` attrici u t-Tarzna".</u>*

"Dan mhux veru xejn u juri carament illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-provi prezentati quddiemha miz-zewg partijiet.

"Ghalkemm matul il-proceduri gudizzjarji il-partijiet, sabiex ikunu jistghu ifehmu l-Qorti ahjar, rreferew ghax-xogholijiet li s-socjeta` konvenuta ghamlet fuq il-bastimenti Misurata u Derna, bhala xogholijiet ta' l-ewwel fazi u xogholijiet tat-

tieni fazi, fir-realta x-xoghol kien wiehed. L-ewwel fazi tirreferi ghal dak ix-xoghol li t-Tarzna halset lis-socjeta` konvenuta, filwaqt li t-tieni fazi tkopri l-kumplament tax-xoghol li ghalih it-Tarzna rrifjutat li thallas.

“It-Tarzna kienet appuntat lis-socjeta` konvenuta biex taghmel xogholijiet fuq il-bastimenti u ghal dan ix-xoghol kienu hargu ‘purchase orders’ da parti tat-Tarzna sabiex la darba s-socjeta` konveutra tlesti x-xoghol hija tithallas. Ix-xoghol kollu li s-socjeta` konvenuta kellha taghmel kien kollu kommissjonat mit-Tarzna ghan-nom tas-sidien tal-bastimenti.

“Ma kien hemm ebda kuntratt bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici ghal xi xoghol iehor. Fl-ebda stadju tal-proceduri s-socjeta` konvenuta ma allegat li kien hemm xi kuntratt ta’ xoghol bejnha u is-socjeta` attrici ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghandhiex ragun tikkonkludi li kien hemm zewg tipi ta’ kuntratti. Iz-zewg partijiet dejjem sostnew illi kuntratt dejjem kien wiehed, dak bejn it-Tarzna u s-socjeta` konvenuta. L-kuntratt ta’ appalt bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta li l-Ewwel Qorti qalet li kien jezisti bejn il-partijiet imur kontra l-provi kollha pprezentati miz-zewg partijiet stess.

“L-Ewwel Qorti laqet it-talbiet tas-socjeta` attrici fic-citazzjoni taghha ghal hlas ta’ DM 169,256.46 bhala kummissjoni minghand is-socjeta` konvenuta fuq hlas li t-Tarzna ghamlet lis-socjeta` konvenuta. Din id-decizjoni tal-Qorti tikkonferma l-fatt li kien hemm kuntratt bejn it-Tarzna u s-socjeta` konvenuta dwar xoghol fuq bastimenti. Il-ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta kien biss dwar kummissjoni fuq hlasijiet tat-Tarzna. La darba s-socjeta` konvenuta ghamlet biss xoghol gewwa t-Tarzna, ghaldaqstant huwa evidenti li kuntratt kien hemm wiehed biss, dak bejn it-Tarzna u s-socjeta` konvenuta. L-konkluzjoni li ghaliha waslet l-Ewwel Onorabli Qorti, li jezistu zewg kuntratti, hija zbaljata u taghti stampa kompletament differenti mill-verita` tar-relazzjoni bejn il-partijiet.

“(ii) Ghal-ewwel fazi tax-xoghol, li s-socjeta` konvenuta ghamlet fit-Tarzna, hija thalset minghajr ebda problemi. Ghar-rigward it-tieni fazi tax-xoghol, is-socjeta` konvenuta, l-ewwel baghtet il-fatturi taghha lit-Tarzna u wara li din ta’ l-ahhar irrifjutat li thallasha, s-socjeta` konvenuta dawret il-fatturi taghha lejn is-socjeta` attrici biex tiprova tithallas minghandha. L-Ewwel Onorabbli Qorti (pagna 7) qalet li

*“s-socjeta` attrici ma ppruvatx li t-Tarzna giet mitluba thallas lis-socjeta` konvenuta tax-xogholijiet esegwiti fit-tieni fazi u l-anqas li x-xogholijiet ma gewx sanzjonati mit-Tarzna”.*

“Mhux tali dan mhux veru izda kienet l-istess socjeta` konvenuta li fil-provi tghha esebit dokument li jikkonferma dan. Fid-dokument “A2” esebit mill-istess socjeta` konvenuta (ara Dok “A” hawn anness) hemm elenkat il-fatturi kollha li s-socjeta` konvenuta talbet il-hals taghhom lit-Trzna izda ma’ thallsitx. Is-socjeta` konvenuta fuq il-hames fatturi datti 22 ta’ Lulju, 1999 hemm miktub “**Invoices change from MDD (Tarzna) to F.E. Sullivan & Co Ltd**”. Is-socjeta` attrici ma kellhiex ghalfejn igib provi ta’ fatt li kien ga konfermat mis-socjeta` konvenuta u li ma kienx ikkontestat minn ebda parti. Min-naha l-ohra l-Ewwel Qorti mhux biss ma apprezzatx id-dokumenti esebiti izda waslet ghal konkluzjoni zbaljata fin-nuqqas ta’ evalwazzjoni tal-istess provi a skapitu tas-socjeta` attrici.

“(iii) F’pagna 7 tas-sentenza tal-Ewwel Onorabli Qorti hemm miktub:

*“Jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici effetwat pagament akkont mill-prezz ta’ dawn ix-xogholijiet. Il-fatt li s-socjeta` attrici hallset dan il-pagament akkont, u fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri hija ma kkontestatx dana, jindika li hija kienet accettat li thallas direttament ghax-xogholijiet esegwiti mis-socjeta` konvenuta fit-tieni fazi.”*

“Huwa fatt mhux kontestat illi s-socjeta` attrici ghamlet pagament favur is-socjeta` konvenuta. <u>Izda l-fatt wahdu li sar pagament wiehed ma jfissirx li s-socjeta` attrici hija responsabbli ghal hlas tal-fatturi kollha tas-socjeta`</u>

<u>konvenuta.</u> Importanti l-fatt li s-socjeta` konvenuta fl-ebda stadju tal-proceduri ma prezentat kopja ta’ dan il-pagament jew spjegat lil Qorti l-pagament tas-socjeta` attrici x’kien ikopri.

“Importanti li wiehed iqies illi l-pagamenti li ghalih qed tirreferi l-Qorti sar mis-socjeta` attrici fl-20 ta’ Awissu, 1999. Qabel u wara din id-data tal-20 ta’ Awissu, 1999, hrgu sbatax il-fatturi ohra mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta attrici, izda dawn dejjem gew kontestati billi ma thallsux.

“L-Ewwel Qorti qalet li s-socjeta` attrici ma kkontestatx dawn il-fatturi. Ghal darba ohra dan mhux veru. Is-socjeta` attrici dejjem ikkontestat dawn il-fatturi billi baqghet tinsisti li hija ma ghandhiex thallas ghal xoghol li sar lit-Tarzna. Socjeta` attrici kienet taf illi s-socjeta` konvenuta qed tibghat il-fatturi lilha ghax it-Tarzna rrifjutat thallasha. L-Ewwel Qorti ma tatx importanza ghar-raguni ghaliex dawn il-fatturi l-ohra tas-socjeta` konvenuta ma thallsux mis-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici kienet ikkontestat l-fatturi l-ohra gahx, fl-ewwel lok dawn kellhom jintbaghtu lit-Tarzna u mhux lilha, u fit-tieni lok ghaliex socjeta` attrici kienet taf li l-fatturi jirreferu gahl-xoghol li t-Tarzna qatt ma kommissjonat is-socjeta` konvenuta biex taghmel.

“Bl-istess ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti, jekk it-Tarzna accettat thallas lis-socjeta` konvenuta ghal-ewwel fazi, ghaliex ma kienitx responsabbli wkoll thallas ghat-tieni fazi? Mhux kuntratt wiehed kien hemm bejn it-Tarzna u s-socjeta` konvenuta, allura ghaliex l-Ewwel Qorti decidiet li ghat-tieni fazi tax-xoghol li sar fit-Tarzna ghandha thallas ghaliex is-socjeta` attrici?

“(iv) L-Ewwel Onorabli Qorti fis-sentenza taghha qalet li s-socjeta attrici ma gabitx provi gahr-rigward jekk ix-xoghol li s-socjeta` konvenuta ghamlet u li ghalih ma thallsitx mit-Tarzna, kienx sanzjonat jew le mill-istess Tarzna. Is-socjeta` konvenuta li fil-kontro-talba kienet qed titlob hals ta’ DM285,156.07 ghal xoghol l hija gahmlet fit-Tarzna, qatt ma pprezentat kopja tal-kuntratt taghha mat-

Tarzna jew kopji tal-'purchase orders'. Huwa l-obbligu ta' min qed jitlob il-hlas li jgib il-prova li x-xoghol verament sar u li kien koper bi ftehim mat-Tarzna. Ghaliex l-Ewwel Qorti ippretendiet din il-prova minghand is-socjeta` konvenuta? Il-fatt biss li s-socjeta` konvenuta ma komplitx tibghat il-fatturi taghha lit-Tarzna, huwa prova bizzejjed li t-Tarzna ma kienx qed jirrikonoxxi x-xoghol maghmul mis-socjeta` konvenuta. Oltre din il-konsiderazzjoni, mid-dokument "B" hawn anness huwa evidenti li t-Tarzna ma kienetx inkarigat lis-socejta` konvenuta ghal xoghol oltre dak li hija kienet diga` hallset:

*"Malta Drydocks confirms that it has never granted any additional approvals to TBS GMBH fo rsupplies and/or other services other than those which were covered by respective MDD purchase orders to TBS. Malta Drydocks* ***has fully reimbursed TBS GMBH*** *and payment relative to these purchase orders covered approvals and consequently has an would steadfastly* ***refuse any additional payment requests*** *that could be claimed by TBS".*

"Ghaldaqstant, is-socjeta` attrici ghandha ragun issostni illi x-xoghol maghmul mis-socjeta` konvenuta ma kienx sanzjonat mit-Tarzna. Dik kienet ir-raguni ghaliex it-Tarzna ma hallsitx lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta ippruvat xorta wahda tithallas billi tibghat il-fatturi lis-socjeta attrici minghajr ma din kienet obbligata thallasha."

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta, rappresentata mill-Avukat Dott. Vincent Falzon, wiegbet li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet gusta u ghalhekk kienet timmerita konferma, izda ssollevat ukoll zewg eccezzjonijiet u senjatament dik tan-nullita tar-rikors ta' appell *"…peress li s-sentenza* ***<u>hija wahda</u>*** *u l-appellant qieghed jappella minn parti mis-sentenza minflok ma qieghed jitlob ir-riforma taghha"* (sottolinear tas-socjeta` appellata); u eccepiet ukoll li d-dokumenti "A" u "B" annessi mar-rikors ta' appell kellhom jigu sfilzati *"…billi l-ewwel wiehed huwa gia parti mill-process u gie ezebit*

*mill-esponent filwaqt li t-tieni dokument kien fil-pussess tal-appellant qabel l-introduzzjoni tac-citazzjoni u ghalhekk kellu kull opportunita` li jesibieh matul il-procediment tal-kawza biex jigi ezaminat u valutat kemm mill-esponent u multo magis mill-ewwel Qorti."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` appellata dwar in-nullita` tar-rikors ta' appell.

**(a) Nullita' tar-Rikors ta' l-Appell.**

Fl-ewwel lok is-socjeta` appellata eccepiet li l-appell huwa null *"peress illi s-sentenza* ***hija wahda*** *u l-appellant qieghed jappella minn parti mis-sentenza minflok ma qieghed jitlob ir-riforma taghha"*.

Fir-rikors ta' l-appell (fol. 136 -141) is-socjeta` appellanti qeghda titlob:-

***"Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jirrizerva d-dritt li jgib dawk il-provi permessi bil-ligi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 2002 rigward il-kontro-talba tas-socjeta` konveuta, billi tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa minnha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine"***.

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jidher ampjament car li l-appell gie ntavolat fir-rigward ta' dak il-kap tas-sentenza li ttrattat it-talba rikonvenzjonali, u dan in kwantu l-kawza kellha ezitu favorevoli ghas-socjeta` attrici appellanti fir-rigward tat-talba taghha kif maghmula fl-att tac-citazzjoni. Ghalhekk huwa minnu li dak li fir-realta' kellha titlob is-socjeta` appellanti huwa *tibdil* tas-sentenza, in kwantu dik il-parti tas-sentenza fejn hemm iddikjarat li hija kreditur tas-socjeta` appellata fl-ammont ta' DM169,256.46 qieghda taqbel maghha. Fid-dawl ta' l-emendi introdotti fl-Artikolu 143 tal-Kap. 12 bl-Att XXIV tal-1995 tnehhiet hafna mir-rigidita` procedurali li qabel kienet tezisti fir-rigward ta' x'ghandu jkun fiha talba fir-rikors ta' appell.

Skond l-Artikolu 143 tal-Kap. 12:-

*(4) Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.*

Minn qari ta' dan is-subinciz jidher bic-car li l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` appellata m'hijiex wahda valida u ghalhekk ghandha tigi michuda.

**(b) Dwar id-dokument gdid ezibit mar-rikors ta' l-appell**

Dwar dan id-dokument a fol. 143 – Dok "B" – li jidher li huwa "fax" allegatament mibghuta mill-Malta Drydocks lil Alex Sullivan minn certu Joe Meli, li dwaru qed toggezzjona is-socjeta` appellata (rigward id-dokument l-iehor, u cioe` ghax dan l-iehor diga jinsab ezibit fil-process, l-oggezzjoni hija wahda banali) ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Din aktar milli eccezzjoni hija talba ghal sfilz. Apparti konsiderazzjonijiet ta' jekk jistghux jigu prodotti provi godda fl-appell, u konsiderazzjonijiet naxxenti wkoll mill-Artikolu 145 tal-Kap. 12, dan id-dokument ma jista' jkollu ebda valur probatorju in kwantu ghal fini ta' awtenticita` hadd ma xehed dwaru u ma saret ebda prova; dan id-dokument mhux wiehed minn dawk id-dokumenti li ssemmi l-ligi li jaghmel prova tal-kontenut tieghu – ara l-Artikoli 627 sa 636 tal-Kap. 12). Dan id-dokument anqas biss hu ffirmat. Flok tordna l-isfilz tieghu, din il-Qorti sejra semplicement tinjorah proprju ghax ma jipprova xejn.

**(c) Fil-meritu.**

Huwa maghruf li din il-Qorti, bhala Qorti ta` Revizjoni, ma ghandhiex, minghajr raguni gravi u impellenti, tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti. Mill-provi jidher li kien sar ftehim, biex is-socjeta` appellata taghmel xogholijiet fuq bastimenti proprjeta' ta' kumpanija

registrata fil-Libya. L-inkarigu nghata mit-Tarzna. Jirrizulta li s-socjeta` appellata kkwotat zewg prezzijiet fuq l-istess xoghol [ara rendikont a fol. 12 tal-process]:-

(a) Prezz lit-Tarzna; u
(b) Prezz lis-socjeta` appellanti li kienet qeghda tirraprezenta lis-sidien tal-bastimenti.

Ix-xoghol kellu jithallas bir-rati tal-prezzijiet moghtija lit-Tarzna. Il-ftehim li sar bejn il-kontendenti kien jikkontempla li d-differenza fiz-zewg kategoriji ta' prezzijiet (DM169,256.46) kellha tithallas lis-socjeta` appellanti bhala kummissjoni. Dan kollu jidher li sar minn wara dahar is-sidien tal-bastimenti u t-Tarzna ta' Malta, in kwantu jirrizulta li l-prezz li nghata lit-Tarzna kien minfuh proprju biex is-socjeta` appellanti tircievi kummissjoni talli introduciet lis-socjeta` appellata ghal dan ix-xoghol. Madankollu, dwar dan m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet, u llum hemm gudikat li s-socjeta` appellanti hija ntitolata ghall-hlas ta' DM169,256.46.

Pero` jrrizulta wkoll li sar xoghol iehor fuq il-bastimenti in kwistjoni. Fir-rigward ta' dan ix-xoghol intbaghtu kontijiet lis-socjeta` appellanti [ara fol. 13 sa 32]. Ghal dan ix-xoghol is-socjeta` appellata ippretendiet il-hlas minghand is-socjeta` appellanti. Il-kwistjoni kollha hija fuq dan ix-xoghol (l-iehor), in kwantu s-socjeta` appellanti ssostni li kwalsiasi hlas dovut hija kwistjoni bejn it-Tarzna u s-socjeta` appellata, kif ukoll li hi qatt ma nkarigat lis-socjeta` appellata taghmel dawk ix-xogholijiet zejda. Fir-rikors ta' l-appell (fol. 139) naqraw: ***"ix-xoghol kollu li s-socjeta konvenuta kellha taghmel kien kollu kommissjonat mit-Tarzna ghan-nom tas-sidien tal-bastimenti"***.

Ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti xehed (permezz ta' affidavit) li *"TBS in Malta continuously directly solicited and successfully obtained from the shipowner additional orders without FES involvement"* (fol. 82, para. 10). Min-naha l-ohra, ir-rapprezentant tas-socjeta` appellata xehed (ukoll permezz ta' affidavit): *"After I had worked in Malta myself and thus been able to take an insight in the*

*situation, I gained the impression that the price policy of FES might not be correct. Therefore, I refused to carry out further works on the basis of the agreement hitherto existing. Instead I agreed with FES that TBS should offer its services exclusively to FES during the second phase of the co-operation”*. (fol. 105).

Huwa evidenti li l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet li huma opposti ghal xulxin. Huwa fatt ukoll li min jallega jrid jipprova. Ghal dak li jikkoncerna l-hlas ghal xoghol u spares addizzjonali, l-oneru tal-prova kien jispetta lis-socjeta` appellata.

Ta’ min wiehed josserva li:-

(a) Mill-provi rrizulta li s-socjeta` appellata harget kontijiet f’isem it-Tarzna, fl-ammont ta’ DM95,992.20 li sussegwentement inhargu f’isem is-socjeta` appellanti [ara fol. 13]. Ma jirrizultax li bejn il-kontendenti giet skambjata xi korrispondenza li permezz taghha s-socjeta` appellanti pprotestat ghall-fatt li l-kontijiet kienu qeghdin jinhargu f’isimha.

(b) Mill-provi rrizulta li mill-kontijiet mahruga mis-socjeta` appellata lil dik appellanti, thallsu minn din ta’ l-ahhar. Fatt ammess mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti (Alexander E. Sullivan) innifsu. A fol. 84, para. 29 ta’ l-affidavit tieghu naqraw: *“FES heeded the owners call and paid TBS”*. F’dan l-istess affidavit, Alexander E. Sullivan ddikjara f’paragrafu 15, *“FES makes payment to TBS on owners pleas to FES, and assurance of final reimbursement on completion service”* [fol. 82]. Mid-dokument a fol. 13 jirrizulta li dan il-hlas sar fl-24 ta’ Awissu 1999 – fatt li ma giex kontestat mis-socjeta` appellanti.

(c) Mill-provi ma rrizultax li t-Tarzna kienet inkarigat lis-socjeta` appellata sabiex taghmel xi xoghol addizzjonali fuq il-bastimenti. Jidher li min-naha tat-Tarzna kien hemm ordni wahda biss, fir-rigward ta’ liema s-socjeta` appellata thallset. Rajna kif is-socjeta` appellanti qeghda ssostni li kienet it-Tarzna li nkarigat lis-socjeta` appellata sabiex

taghmel ix-xoghol kollu. Dwar dan ma tressqet l-ebda prova li kien sar ftehim mat-Tarzna fuq ix-xoghol kollu.

(d) Ma gie pprezentat l-ebda dokument fejn jidher li s-socjeta` appellanti direttament tat xi ordni lis-socjeta` appellata.

(e) Kuntrarjament ghal dak li ddikjarat is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha [ara fol.139], ir-rapprezentat taghha xehed li kien sar ftehim bejn il-kumpanija tieghu u s-socjeta` appellata biex isir iktar xoghol minn dak li kien originarjament pattwit mat-Tarzna. Ghalhekk m'hijiex flokha l-premessa li ghamlet is-socjeta` appellanti li *"fl-ebda stadju tal-proceduri s-socjeta` konvenuta ma allegat li kien hemm xi kuntratt ta' xoghol bejnha u is-socjeta` attrici"*.

Mill-provi jidher li f'xi zmien is-socjeta` appellanti kienet assumiet l-obbligu li thallas lis-socjeta appellata fuq talba li kienet ghamlet il-kumpanija proprjetarja tal-bastiment, b'dan li imbaghad kellha tirkupra l-hlas wara li jitlesta x-xoghol minghand is-socjeta` proprjetarja tal-bastimenti. Wiehed jifhem li kien ghalhekk li fl-ahhar ta' Awissu 1999 is-socjeta` appellanti hallset is-somma ta' DM65,048 lis-socjeta` appellata. Tant hu hekk li kif rajna ma hemm l-ebda prova fejn jidher li s-socjeta` appellanti pprotestat ghall-fatt li kienu qeghdin johorgu l-kontijiet f'isimha. Wiehed jifhem li jekk xi hadd jircievi kontijiet fl-ammonti kbar li jissemmew fir-rendikont a fol. 13 u jsostni li mhux debitur, l-inqas li jista' jaghmel huwa li jibghat ittra fejn jikkontesta dawn il-kontijiet. Minn dan kollu mill-provi li tressqu ma jirrizulta li ma sar xejn. Lanqas ma hu verosimili li wiehed ihallas is-somma ta' DM65,048 minn butu jekk ma jkunx intlahaq xi forma ta' ftehim. Kien biss wara li nqala' l-inkwiet, lejn l-ahhar ta' Dicembru 1999, u cioe` meta l-proprjetarju tal-bastimenti skopra dak li kien qieghed jigri bejn il-kontendenti minn wara dahru, li l-affarijiet inbidlu. F'dak l-istadju il-proprjetarju tal-bastimenti sar jaf li s-socjeta` appellanti kienet ghamlet il-qliegh a skapitu tieghu (ara dikjarazzjoni li hemm a fol. 98 u 99 tal-process, parti mid-dokumenti ezibiti quddiem l-ewwel Qorti mis-socjeta` appellanti) billi kien zdied il-prezz

sabiex is-socjeta` appellanti tircievi kummissjoni minghand is-socjeta` appellata. Kien hawnhekk li s-socjeta` appellanti ghazlet li tirtira lura u tikkontesta li hija debitur tas-socjeta` appellata. Ghalhekk l-appell ser jigi michud. Jibqghu, naturalment, impregudikati kwalsiasi drittijiet li s-socjeta` appellanti jista' ghandha fil-konfront tas-socjeta` estera proprjetarja tal-bastimenti li dwaru saru x-xogholijiet.

Ghall-motivi premessi:

1. tirrespingi l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell sollevata mis-socjeta` appellata, bl-ispejjez relattivi ghal din l-istess eccezzjoni jithallsu mis-socjeta` appellata;

2. tichad l-appell tas-socjeta` F. E. Sullivan & Co. Ltd u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata;

3. l-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu – hlief ghal dawk imsemmija fil-paragrafu (1) *supra* – mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------